MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2013

Numru 780/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Cassar)**
**vs**
**Elton John Formosa**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Elton John Formosa** ta’ 30 sena bin Anthony u Annie *nee’* Mifsud, imwieled Pieta’ fit-28 ta’ Frar 1975, residenti numru 84 Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur Birgu u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 142875M;

Talli f’Misrah ir-Rebha u fl-inhawi ohra fil-Birgu, nhar il-Hadd 4 ta’ Settembru 2005 ghall-habta ta’ xi l-hdax ta’ filghodu:

Bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe’ ferita gravi fuq is-Supretendent Patrick Spiteri wera dan il-hsieb b’atti

esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt meta saq il-vettura tieghu ta' l-ghamla Skoda ta' lewn abjad bin-numru tar-registrazzjoni EAL 108 fid-direzzjoni tieghu u kaxkru bl-istess karozza tul ta' madwar ghoxrin metru, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

Ingurja, hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna tas-Supretendent Patrick Spiteri, inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz;

Attakka jew ghamel resitenza bi vjolenza jew b'hebb, b'xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-istess Supretendent Patrick Spiteri, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligijew ta' ordni skond il-ligi mill-awtorita kompetenti;

Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

M'obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixklu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu;

Saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;

Saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata, bla kont u b'giri aktar milli jmissu;

Saq il-vettura tieghu EAL 108 minghajr ma kien qieghed jaghmel uzu minn seat belt;

Rat il-kunsens tal-avukat generali datat 22 ta' Settembru 2005, skond l-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-atti u tax-xhieda mressqa jemergi illi din il-kawza inizzjat fuq rapport tas-Supretendent Patrick Spiteri wara illi fl-4 ta’ Settembru 2005 filwaqt illi kien qieghed jissorvelja l-andament ta’ attivita’ pubblika f’Misrah ir-Rebha, l-Birgu konessjoni mac-celebrazzjonijiet ta’ Jum il-Vitorja, l-imputat allegatament saq il-vettura tieghu f’area li kienet ristretta permezz ta’ *barriers* imqeghda appozitament mill-Pulizija. Is-Supretendent Spiteri xehed illi fl-attivitajiet marbuta ma’ dik ic-cerimonja kienu ippartecipaw il-Prim Ministru ta’ dakinhar, Dr. Lawrence Gonzi, diversi ministri u ambaxxaturi. L-attivita l-ewwel bdiet fil-pjazza tal-Birgu u wara li ntemmet, l-mistidnin u l-pubbliku kellhom jipprocedu, kif fil-fatt ghamlu, lejn il-Muzew Marittimu minn wara l-Monument tal-Helsien bis-Supretendent miexi warajhom. Zewg pulizija intbaghtu fuq in-naha t’isfel sabiex jevitaw li xi karozza ddur minn wara l-Monument izda s-Supretendent lemah vettura qed timmanuvra bil-mod minn qalb in-nies. Ix-xhud mar fuq is-sewwieq li waqaf biss wara li tah daqqa fuq is-saqaf tal-vettura tieghu u gibidlu l-attenzjoni illi fil-pjazza kien ghad hemm in-nies. Is-sewwieq ikkonferma izda rrisponda li kienu l-pulizija li baghtuh hemm [prezumibilment) li hallieh jghaddi. Mistoqsi liema pulizija, s-sewwieq wiegeb illi ghaxar minuti qabel il-Pulizija kien taht struzzjonijiet illi jista’ jhalli ghaxar minuti imbaghad jista’ jghaddi. Mistoqsi ghaliex ghadda minkejja li kien ghad hemm in-nies, ix-xhud jirraporta li s-sewwieq wiegeb li ghaliex kien mghaggel. Il-kwistjoni kibret meta beda argument bejn it-tnejn meta s-sewwieq ikkonferma li kellu appuntament l-isptar u s-Supretendent wissieh li mhux ser ihallilu triq ohra hlief li jarrestah. Mitlub jieqaf, is-sewwieq baqa’ jinsisti li kien mghaggel u s-supretendent innota li ma kienx liebes is-seat belt. Dan kollu sehh fi Pjazza Misrah ir-Repubblika meta minkejja li ordnat jieqaf, is-sewwieq qabad u saq b’sahha kbira skond ix-xhud li kien ghad kellu rasu fit-tieqa w idu imissu mat-tieqa tal-vettura tant li baqa’ jigri mal-karozza. Ix-xhud jinsisti li s-sewwieq

baqa’ jsuq bih b’kollox minkejja li kien ordnat jieqaf u dan kollu rawh in-nies prezenti. Kawza ta’ dan, ix-xhud jghid li wegga ftit irkopptu izda ma marx ghall-kura medika;

Ix-xhieda l-ohra tal-prosekuzzjoni jikkonsistu f’dik tal-ufficjal prosekutur, l-Ispettur Anthony Cassar li xehed dak kollu li rrapurtalu s-Supretendent Spiteri u li kien ha stqarrija lill-imputat. PC 1496 xehed illi kien prezenti ghall-incident kollu inkluz id-diskors li intqal bejn is-sewwieq u s-Supretendent. Jghid ukoll dan ix-xhud illi meta x-xufier saq kontra l-ordni moghtija lilu, “rajt lis-super jigri mal-vettura ghal diversi metri, u f’hin minnhom imbaghad telaq il-karozza s-super u baqa’ sejjer” (fol 22). Mistoqsi mill-Qorti jekk is-sewwieq setghax jghaddi minn hemm dak il-hin, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv u li dak il-hin kien qed jizzarma l-palk. Mistoqsi dwar l-ispeed tal-vettura, ix-xhud jghid hekk: “Ifihmni, ta daqxejn first u hareg harira aktar milli suppost, imma ma nistax nikkalkula b’liema velocita kien ghaddej” (fol 25). Mistoqsi jekk is-Supretendent weggax jew le, jghid illi ma ralux griehi u ma semghux jilmenta dwar xi ugiegh;

PC 775 xehed illi waqt li kien fuq il-post ra lis-Supretendent ikellem lix-xufier ta’ vettura min-naha tal-passiggier u “f’daqqa wahda narah jingibed mal-karozza.. ghal diversi metri u l-karozza baqghet ghaddejja” (fol 37). Mistoqsi jekk setghux jghaddu vetturi minn hemm, ix-xhud wiegeb illi l-pjazza kienet maghluqa u li s-sewwieq ghadda xorta u “baqa’ ghaddej qisu xejn m’hu xejn” (fol 39). “Pruvajt inzommha imma qala’ b’mod li anke duhhan hareg wara, jigifieri b’velocita’ qawwija u baqghet sejra” (fol 39). PC 972 xehed illi kien dettaljat fuq din l-attivita meta gie fuqu s-Supretendent Patrick Spiteri, tah numru ta’ vettura u qallu “ara lil min tghajjat, qalli rridu arrestat ghax saq fuqna, saq fuq il-VIP’s” (fol 47);

Ikkunsidrat ukoll ix-xhieda mressqa mill-imputat konsistenti fid-deposizzjoni tieghu stess u ta’ missieru u ommu. Fix-xhieda tieghu l-imputat jaqbel illi t-triq kienet maghluqa bil-*barriers* u fil-fatt kien l-ewwel wiehed ipparkjat warajhom, hareg mill-vettura u mar gewwa hanut tad-DVD’s. F’dak il-hin bdiet iccempillu omm it-tifla tieghu

sabiex jiehu t-tifla ta’ sena ghand it-tabib. Wara li ghamel xi hamsa u ghoxrin minuta jistenna bil-*barriers* quddiemu u l-karozzi warajh, infethet it-triq mill-pulizija u beda jipprocedi ‘l quddiem segwit bil-vetturi warajh. Meta ra lin-nies jigbru u jistivaw wires tad-dawl huwa waqaf biex ikunu jistghu jghaddu minn quddiemu u appena rega beda jsuq gie fuqu s-Supretendent u ta daqqa b’idu fuq is-saqaf tal-karozza meta f’dak il-waqt kien qed jispjega lill-omm it-tifla fuq it-telefon illi kien qieghed fit-triq. Is-Supretendent dahhal idu mit-tieqa u messlu wiccu bi tlett iswaba u qallu biex jitfa fil-genb. L-imputat wiegbu li ma setghax minhabba l-urgenza li kellu fuq it-tifla u beda jsuq. Wara li ha t-tifla l-isptar, nizel l-ghassa Bormla biex jispjegalhom x’kien gara;

Missier l-imputat, Anthony Formosa, xehed illi dakinhar kien prezenti f’kantuniera meta ra t-tifel tieghu ghaddej mil-karozza u waqqfuh il-pulizija u ra spettur qed jghajjat mieghu u jghidlu biex isuq lejn l-ghassa. Dan ix-xhud jichad illi ibnu saq fid-direzzjoni tas-supretendent u apparti ibnu kienu ghaddew vetturi ohra u l-pjazza kienet vojta. Omm l-imputat xehdet illi dakinhar kienet fil-gallarija tad-dar taghha u taf illi t-triq kienet maghluqa minn kmieni filghodu izda f’hin minnhom rat ukoll lil binha ghaddej minn din it-triq bhalma ghaddew vetturi ohra. Din ix-xhud tikkonfessa illi ma rat xejn dwar l-incident inniffsu izda tikkonferma illi kienu ghaddejjin vetturi ohra meta ttawlet mill-gallarija u rat lil-binha bil-vettura tieghu;

Ezaminati dawn il-provi, jemergi illi l-akkuzi kif diretti kontra l-imputat ma jirriflettux dak li verament gara fil-hin tal-incident u minghajr tlaqliq irid jinghad illi dawn huma akkuzi esagerati u qatt ma messhom inghataw fil-konfront tal-imputat. Dan huwa hekk ghaliex l-anqas l-istess Supretendent ma xehed illi l-imputat saq fid-direzzjoni tieghu. L-istess Supretendent xehed illi l-imputat kien wieqaf meta kien qed ikun mitkellem u f’daqqa wahda ghazel illi jibda jsuq u jinjora l-ordni tal-pulizija u ghalhekk certament qatt ma setgha saq fid-direzzjoni tal-istess supretendent bil-hsieb li jikkommetti delitt fuqu. Fil-fehma tal-Qorti, l-ewwel tlett akkuzi ma jimmeritawx konsiderazzjoni ulterjuri oltre li jkunu skartati minn din il-

Qorti li semghet hi stess bi tlett verzjonijiet mix-xhieda tal-Pulizija li xejn ma jipprospettaw tajjeb ghat-twemmin tal-verzjoni tal-prosekuzzjoni.  Filwaqt illi s-Supretendent jghid illi l-imputat saq b'mod li kellu jibqa mdendel mal-vettura, ufficjali ohra jghidu illi s-Supretendent prova jzomm il-vettura, iehor jghid illi tant kellu velocita' li halla d-duhhan warajh u iehor jghid illi "hareg harira aktar milli suppost".  Jidher li kien is-Supretendent li prova jzomm il-vettura milli tipprocedi u fl-ebda hin l-imputat ma kaxkar lis-Supretendent li spicca minghajr griehi tant li anqas biss mar ghand tabib;

Ikkonisdrat inoltre illi l-imputat ghamel hazin li saq minkejja ordni biex ma jipprocedix anke jekk kellu l-urgenza minhabba t-tifla li l-Qorti m'ghandhiex ghaliex ma temmnux dwarha.  Pero' l-incident gara minghajr l-ksur tal-bon ordni kif allegat u l-prosekuzzjoni trid illi l-imputat jinstab hati talli saq b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont tant li wiehed mill-ufficjali xehed illi s-supretendent ordnalu jarresta lill-imputat talli saq fuq il-VIP's meta minn dan kollu ma jirrizulta xejn;

Ghalhekk il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat ghall-1, 2 , 3, 4, 6 u s-7 akkuza u minnhom qed tilliberah.  Fuq il-fatti kif minnu stess spjegati, izda din il-Qorti qed issib htija fl-imputat ghal dak li jirrigwarda l-5 u 8 akkuza, jigifieri li ma obdiex l-ordni tal-pulizija, li sethget kienet aktar komprensibbli tenut kont tac-cirkostanzi tal-urgenza, kif ukoll talli saq il-vettura minghajr ma kien qed jaghmel uzu mis-seat belt.

Ghalhekk wara li rat l-artikoli 338 (ee) u l-AL 129 tal-1995, tikkundanna lill-imputat ghal hlas ta' ammenda komplessiva ta' €58.17

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------